# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Emanuel Busuttil**

**Kawza: Kolluzzjonijiet**

**Illum: 23 ta` Ottubru2023.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Emanuel Busuttil ID 154498(M) bin Giovanni u Maria Elizabeth nee Cutajar mwieled fil-24/04/1998 u joqghod 64 Amity Triq Pierre Muscat Rabat Malta talli fis-7 ta' Awwissu, 2022 ghall-habtra ta' 19:15 hrs fi Triq tas-Santi Bingemma, limiti tar-Rabat Malta soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DCA201.

1. Meta b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Masion Grech skond kif iccertifika Dr Bernard Briffa MD mill-MDH.
2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;
5. U aktar talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuna.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Il-Qorti gentiment mitluba li f'kas ta` htija minbarra li tinfliggi il-piena skondil-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS65.18 art 36B u fil-LS64.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226(1)(b) Tal- Kap 9 u Art 15(1)(a)(2) tal- Kap 65, u LS 65.18 Art 36B u LS 65.18 Sitt Skeda u ara 3 (1) Kap 104 tal-Ligijiet ta. Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Tanya Chetcuti, xehdethekk:</u>**

Xhud: Iva nahlef, jien rapprezentanta Mapfre Middlesea qeghda hawnekk biex nixhed fuq Emanuel Busuttil fuq il-posta tieghu bin-numru tar-registrazzjoni TCA 201 dak in-nhar nhar is-7 ta` Awwissu, 2022, il-polza kienet assikurata maghna fuq Mario Cutajar il-polza bdiet mill-2 ta` Mejju, 2022 sat-30 ta` April, 2023 bhala authorised drivers kienu the policy holder at any driver age 25 years and over obviously the permission of the holder hawnekk gahndi id-dokument biex nipprezentah vera kopja.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Tista tghidilna please jekk Emanuel Busuttil ghamilx claim u jekk x`sar minnha din il-claim jew kien taht l-eta meta gara l-incident?

Xhud: Dik ma nistax nghidlek ghax meta gejna biex nigbdu regarding din l-insurance on the date.

**<u>Rachel Grech xehdet hekk:</u>**

Qorti: Inti tigi minn xi hadd mill-partijiet?

Xhud: Nigi l-mara ta` Sergio Grech?

Xhud: Le ma nixhidx.

**Mario Cutajar** u **Sergio Grech** ghazlu li ma jixhdhux sabiex ma jinkriminawx ruhom

**PC 57 Matthew Buhagiar** xehed dwar l-involviment tieghu fl-incident in desamina permezz ta' affidavit.

**PS 2224 Susanne Mifsud** xehdet dwar l-involviment taghha f'dan l-incident . Jinghad li qabel ma tkellmet mal persuni involuti l-ebda persuna ma inghatat it-twissija li tista' ma tixhidx jekk tahseb li tista' tinkrimina ruha u inoltre l-ebda parti ma giet informata li kellha dritt li tinkonsulta avukat.

**Ikkunsidrat**

Ma jirrizulta ebda prova dwar id-dinamika ta’ dan l-incident u dwar minn kien qed isuq jew meno fil-mument ta` dan l-incident  stante li Mario Cutajar,  Sergio Grech , Rachel Grech u l-imputat ghazlu li ma jxhdhux. Kwalsijasi dikjarazzjonijiet  li setghet saru lil PS 2224 Susanne Mifsud saru minghajr it-twissija li dik il-persuna setghet  ma tixhidx jekk tahseb li tista’ tinkrimina ruha u inoltre l-ebda parti ma giet informata li kellha dritt li tinkonsulta avukat.

F’dawn ic-cirkostanzi ma jirrizulta l-ebda prova dwar l-ebda imputazzjoni.

## Decide

Ghal dawn il-motivi kollha ma ssibx lil Emanuel Busuttil hati ta’ l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**